# AVVIŻI

• Il-laqgħat ta' Talb, il-Girgenti, qed ikomplu, u għall-erba' xhur li ġejjin il-ħin tal-laqgħat hu kif imniżżel hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Fl-4 ta' Mejju | fis-6.00p.m. |
| Fit-18 ta' Mejju | fis-6.00p.m. |
| Fl-1 ta' Ġunju | fis-6.30p.m. |
| Fil-15 ta' Ġunju | fis-6.30p.m. |
| Fis-6 ta' Lulju | fis-6.30p.m. |
| Fl-20 ta' Lulju | fis-6.30p.m. |
| Fit-3 ta' Awissu | fis-6.30p.m. |
| Fis-17 ta' Awissu | fis-6.00p.m. |

• F'dan il-fuljett, ippubblikajna grazzji maqlugħa żmien ilu u li r-rapport tagħhom kien intbagħat lil Ġuża Mifsud. Għandna rapporti oħra ta' grazzji maqlugħa, aktar reċenti, li se jidhru fil-fuljett, aktar 'il quddiem.

• Tinsewx tirrappurtaw grazzji maqlugħa u tagħtu n-numru tat-telefon tagħkom biex l-Editur ikun jista' jagħmel kuntatt magħkom.

Iktbu lill-Editur ta' Leħen il-Girgenti
Brother Victor Privitera, FSC, B.A.,
Stella Maris College
Gżira GZR 04
jew lis-Segretarja tal-kumitat
Dr. Sylvana Spiteri, LL.D.,
6, A/2, Main Street,
Siġġiewi.

• L-indirizz tal-Kumitat tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa l-post fejn kienet toqgħod Ġuża Mifsud, jiġifieri:
16, St. James Street,
Siġġiewi.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 30 APRIL 1997 JITQASSAM BLA ĦLAS



**It-Tnejn flimkien: Il-Madonna u Ġuża Mifsud**

## ĠUŻA GĦADHA MAGĦNA

F'Ottubru 1996, Ġuża Mifsud mietet. Għaddew kważi sitt xhur mil-mewt tagħha s'issa. Għalkemm inħass in-nuqqas tal-preżenza fiżika tagħha, dawk kollha li għadhom jiġu l-Girgenti u kienu jafu lil Ġuża mill-qrib, issa qegħdin iħossu l-preżenza spiritwali tagħha, u fit-talb tagħhom jgħidulha biex tidħol għalihom quddiem Alla u l-Madonna, kif kienet tagħmel f'din id-dinja. Qabel, in-nies kienu jħabirku biex jiltaqgħu magħha, ikellmuha, jafdawlha n-niket tagħhom, jiktbulha ittri ( li għadhom merfugħin); insomma kulħadd irid minnha talb, talb u talb, għal kull bżonn li għandhom: mard, operazzjonijiet

inkwiet fil-fmailja, twelid ta' trabi, konverżjonijiet eċċ... eċċ...

Illum m'hemmx bżonn niktbulha! Nistgħu ngħaddu l-messaġġi tagħna direttament lilha, għax illum Ġuża taf aktar bir-reqqa il-ħtiġijiet tagħna u lesta li tgħinna wisq aktar minn qabel.

Ġuża dejjem kellha qalb tajba ma' kulħadd; kienet tħoss ħniena għal kulħadd u tagħmel minn kollox biex tagħti l-pariri u l-għajnuna tagħha lil dawk kollha, kemm li kienet taf bihom u kemm li ma kinietx; "Jiena nitlob għal kulħadd" kienet tgħid meta konna nsemmulha lil xi ħadd għat-talb tagħha.

Il-ħsieb li Ġuża issa tista' tgħinna naqilgħu grazzji permezz tal-Madonna huwa ġenerali u f'moħħ kulħadd. Dan jidher spiss fl-ittri tad-devoti tal-Madonna meta jiktbu biex jirrappurtaw grazzji maqlugħa jew jesprimu xi bżonn urġenti ta' talb. Aħna konvinti li Ġuża għadha magħna spiritwalment u tingħaqad magħna fit-talb li nagħmlu lill-Madonna.

Ġuża issa, tistenna minna li nirringrazzjaw lill-Mulej **"għall-Ħwejjeġ kbar li għamel magħha"**, kif kienet tgħid hi. Għandna nitolbu b'fiduċja kbira, għax issa, għandna min jista' jgħinna aktar quddiem il-Madonna u l-Mulej. Noffru t-Tqarbin li nagħmlu għal din l-intenzjoni; b'hekk nuru lil Ġuża li aħna għandna l-aktar fiduċja u mħabba lejn l-Ewkaristija Mqaddsa, kif kienet tħeġġiġna hi.

L-Editur

# Siltiet mid-Diskors ta' Ġuża Mifsud fil-Laqgħat tal-Girgenti.

## AWISSU 1996

Waqt li kienet qegħda timmedita r-rużarju minn tat-tbatija, Ġuża qalet, "Metà jinqalagħli xi salib kbir ngħidlu, 'Kemm Inti kbir o Alla li qiegħed tagħtini dawn l-affarijiet hekk kbar li nweġġa' bihom... Dawk kollha rigali tal-Mulej għax bihom nimmerita u ngħin anke lil ħaddieħor... Min jaf kemm-il darba mmur ħdejn il-Kurċifiss u ngħidlu, 'Agħtini l-pjaga Tiegħek u l-midinbin iġbidhom lejk; tħallix midinbin imorru fl-Infern għaliex imorru għal dejjem, għal dejjem ta' dejjem u ma joħrġu qatt...'

Meditazzjoni l-aktar kbira (fuq il-ħames misterju) meta tara dawk l-idejn b'dak il-musmar ġo fihom. U min hu dak li għandu l-musmar f'idu? Iben Alla magħmul bniedem, batu fid-dinja biex iġib il-paċi u jieħu l-passjoni biex lilna jurina t-triq tas-sema u jgħattilna dik ta' l-Infern... Jiena ta' l-Infern jittantani ħafna. jgħidli ħafna affarijiet imma jiena ngħidlu, 'U mur x'tista' tagħmilli? Hawnhekk għandi min hu ħafna aqwa minnek! Kemm hu kattiv, kemm hu vjolenti, qalbu ħażina... ix-xitan veru li għandu ħafna ħafna qrun biex jittantana bihom imma hemm il-kbir Alla li jkun magħna u fina u ma jista' jagħmlilna xejn. Min għandu lil Alla miegħu, min ikollu l-Ewkaristija, min ikun ħabib ma Alla, id-dimonju ma jagħmillu xejn għax fl-aħħar ikollu jċedi u jaqta' jiesu..."

F'ħin minnhom Ġuża qalet, 'Il-bieraħt lura... fl-10 jew l-10.30p.m. dħalt fl-intrata u għidt kieku nista' niftaħ il-bieb... u ngħid lin-nies: 'Idħlu ħalli taraw ir-riħa tal-ġiżimin li hawn.' Jiena m'għandix ġiżimin, jiena ma għandi xejn ħaj. Imma kelli tant riħa tfuħ ta' fjuri. Għidtlu,'Minnek ġejja Mulej Ġesù Kurċifiss x'riħa sabiħa din? Bikkietni u domt nitlob; imbagħad għidt rużarju għall-bżonnijiet tal-midinbin, għall-bżonnijiet ta' dawk li huma abbandunati, jaħasra, mill-affarijiet ta' Alla, għall-bżonnijet ta' dawk in-nies li jgħidu dawn il-vergonji, anka f'Malta tagħna li jgħidu li Alla ma jeżistix... inkella jgħidu, 'X'nambuh lil Ġesù ta' l-Ewkaristija?'...

## 18 AWISSU 1996

Matul din il-laqgħa Ġuża kkundannat il-qtil ta' l-Isqof li kien sar xi żmien qabel u qalet, "Dawn l-anqas jafu x'inhuma jagħmlu!... Dan ġie kkonsagrat Isqof biex jagħmel il-ġid lejn Alla u lil għajru u mbagħad jaqbdu u joqtluh hekk! Dana mhux sew!... Mhux sew li t-tajjeb dejjem jaqla". Imma mbagħad nagħmlu kuraġġ bi Kristu hu għax Kristu hekk kien, kien ippersegwitat minn meta ġie fl-għar ta' Betlem. Minn dak iż-żmien beda jfittxu biex joqtlu Erodi għax beża' li ħa joħodlu s-saltna tiegħu... Kristu kien ippersegwitat minn kullimkien u anka fi żminijietna, fi żminijietna li jinsab magħna fit-tabernakli kollha tad-dinja ukoll insulentat fl-Ewkaristija, min jisraq l-Ewkaristija u min ikasbar l-Ewkaristja u min jitkellem kontra l-Ewkaristija..."

Jiena ħa ngħidilkom illi hawn fuq ma nafdawhx, hawn fuq inħobbuh, hawn fuq allavolja hawn xi nies illi lili tawni ħafna bis-sieq imma jiena mhux bis-sieq tajthom, huma tawni bis-sieq u jiena tlabt għalihom u kollox baqa' sejjer għax il-Mulej hekk ried u s-sinjura tal-Ħajja qaltli, "Tinkwetax, għamel kuraġġ binti, għamel il-qalb għax dak li jagħmel il-Mulej Alla ma jħassru ħadd u f'dan il-messaġġ kien hawn ħafna affarijiet l-aktar kbar spiritwali. Kien hawn ħafna nies ta' kundizzjoni makabra li telgħu hawn fuq talbuni u jiena tajthom għax tlabt għalihom lil Alla biex jikkonvertu. Hawn fuq saru ħafna konverżjonijiet l-aktar kbar, anka minn nies ta' barra minn Malta. Inti taf b'dak ta' l-Awstralja li ġie hawnhekk intefa' jibki u ħareġ ikkonfrontat b'kollox għaliex jiena tajtu dak kollu li talabni."

U għalhekk ħbieb dawk li jgħidulna li aħna boloħ ħa ngħidilkom jiena bis-serjetà kolha li dawk li qegħdin jgħidu għalihom infushom li huma boloħ għax għad iridu jitilgħu hemm fuq jagħmlu bħal meta keinu dawk in-nies fuq l-għolja tal-Kalvarju x'ħin kien qiegħed imut Ġesù fuq is-salib... bdew jgħidu, "Aħfirli Mulej talli ma tajniex każ ta' dawn l-affarijeit milll-ewwel."

Noqogħdu attenti u nobdu ħafna lill-mulej għaliex il-Mulej jekk nitolbuh u nobduh, jekk hemm xi affarijiet mir-rieda ta' jdejh li jkunu ser isiru fuq id-dinja b'kastig, jiena qed naċċertakom li jekk nitlobuh bil-qalb u bil-ħniena dawn l-affarijiet il-Mulej ma jasalx li jagħmilhom... Anka lil dawn il-bravi, dawna li huma filosofi, dawna li ma jonqoshom xejn, li ma humiex bżonn il-kbir Alla, bżonn il-Mulej Ġesù, bżonn il-

qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, bżonn ir-Reġina tas-sema, ngħidilkom jaħasra, jagħmlu talba qawwija f'qalbhom u jitrażżnu minn dak il-ħażen u jwarrbuh lura u jibdew jgħallmu u jgħixu t-tajjeb u Alla jaħfrilhom u jidħlu fis-sema pajjiżhom, bħalma weghdna l-Mulej Alla u l-Mulej Ġesù u l-avukata tagħna li hija is-setgħana Madonna.

## SETTEMBRU 1996

Għal din il-laqgħa Ġuża ma telgħetx għaliex kienet ma tiflaħx ħafna. Madnkollu xorta inqara messaġġ lil Ġuża kienet ħejjiet xi xhur qabel u li ser jinġiebu siltiet minnu. "Ngħidilkom illi f'xi ħin minnu tal-lejl tal-bieraħ, kelli viżjoni kbira ħafna. Fejn qegħda, rajt sħaba kbira ħafna u fuq din is-sħaba kien hemm numru kbir ħafna ta' tfal sbieħ, minn tliet snin 'l isfel u fin-nofs kien hemm xi ħadd illi qalli fuq it-tfal tal-missjoni. Ma nistax infissrilkom kif rajthom f'dina l-viżjoni fuq din is-sħaba. Imma dawn it-tfal rajthom b'kuluri ħafna sbieħ, min b'ilbies ċelest, min roża, min aħdar, min aħmar, min vjola... L-affarijiet tal-ħniena t'Alla ħadd ma jifhimhom ħlief Hu. Jiena bdejt inħares u nistagħġeb u fl-istess ħin bdejt nibki ma dawk it-tfal għaliex kien hemm ħafna minnhom jibku. Min kien qiegħed jitkellem miegħi spiritwali fil-ħin tal-viżjoni qalli li ħafna minn dawk l-eluf ta' tfal li jiena kont qed nara fil-viżti ta' għajnejja kollha huma tfal fl-artijiet tal-missjoni.

Minkejja li dawn it-tfal ikunu jbatu minħabba li tant ikunu mistkerrha mill-ġenituri tagħhom, imma jiena lil dawn it-tfal tant rajthom ħelwin, rajthom x'waħda din qisħom anġli milli għandu miegħu l-Mulej fis-sema. Kemm rajthom sbieħ lil dawn it-tfal, kemm rajthom ħelwin imma kemm rajthom qegħdin ibatu. Minbarra minn dawn it-tbatijiet li qegħdin ibatu dawn it-tfal fil-missjoni, imbagħad hemm oħrajn illi ma jħalluhomx jaraw id-dawl tad-dinja.

Ngħidilkom illi jiena kont qegħda nagħmel meditazzjoni fuq Ġesù mqaddes ta' l-Ewkaristija u jiena lil dan Ġesù għidtlu, "Għażiż Ġesù ta' l-Ewkaristija, jien ilni magħluqa ġo din id-dar issa mfila sittax-il sena jew ftit iżjed jew ftit inqas, spjegali ftit f'dan il-lejl dan kif seħħ fuqi, kif ġara fuqi." Qalli, "Għażiża binti, kif Jiena dejjem spjegajtlek sew u ċar daqs il-kristall, illi kieku inti dawn l-affarijeit ma ġewx użati mis-sema fuqek, la kont tista' tgħix u lanqas kont tista' tagħmel dawn l-affarijiet li ppermettiet l-Id setgħana tal-Missier Etern Tiegħi u tiegħek u li qiegħed inkomplilek Jiena u li qaltlek Ommi Marija, il-Madonna f'tant passat ilu. F'dan iż-żmien ta' issa, kważi ma jafek ħadd mid-dinja."

Huwa qalli:, "Inti taf li inti m'intix ta' waħdek." Għidtlu, "Le, Mulej ma għadnix ta' waħdi jiena." Qalli, "Kullma għandek sa din is-siegħa li għaddejja minnha issa ġie min-naħa ta' fuq, mis-sema. Li kieku ma humiex neżlin grazzji fuqek mis-sema kieku inti ma tistax tgħix."

Jiena ħa ngħidilkom ħbieb tal-Kumitat, ħbieb tal-Moviment... illi s-sinjura tal-Ħajja ukoll tridna nittesseraw u nkabbru n-numru tal-Moviment tafux. Min hu nisrani u min għandu l-magħmudija u min għandu l-griżma u min għandu t-tagħlim tal-Knisja, is-sinjura tal-Ħajja trid li ningħaqdu ma dan il-Moviment illi tant bata, illi tant sofra.



Jiena Ġuża batejt ħafna ma dan iż-żmien, imma jiena s-solliev tiegħi taf x'inhu? Illi meta jkolli dahri mal-ħajt b'xi ħaġa, nisma' l-kuntatt illi jgħidli, "Agħmel il-kuraġġ, qawwi qalbek għaliex mhux dak li qed jgħidulek in-nies imma ma' dak li qed jgħidlek il-Mulej għandek x'taqsam inti. Agħmel il-kuraġġ għax dak li jrid il-Mulej illi jsir hemm fuq irid isir..."

## OTTUBRU 1996

Din il-laqgħa saret biss ftit ġimgħat qabel l-elezzjoni ġenerali u għalhekk Ġuża qalet, "Jiena xtaqt illi llum il-*coach* kemm tal-Gvern u kemm ta' Alfred Sant u ta' Wenzu Mintoff ġew hawn fuq magħna u għamlu maratona kbira quddiem il-Madonna u quddiem is-sema u fejn għażel għalih il-Mulej... Il-magħżul qiegħed quddiem Alla, diġa' lest..."

Mbagħad Ġuża kompliet tgħid li l-arma tagħna għandha tkun il-kuruna tar-rużarju. "Bir-rużarju għandna niġġieldu u mhux nitgħajru u noqogħdu ngħidu l-affarijet, wieħed kontra l-ieħor u ħafna għawi... Jiena tan-Nazzjonalisti u ta' Mintoff u ta' Sant u ta' Ġakbu u ta' San Lawrenz, aħna lkoll aħwa fil-Mulej, ilkoll aħwa fil-Mulej aħna..."

Aktar tard inqara dan il-messaġġ li Ġuża kienet ser tqassam lill-kandidati tal-partiti kollha li kienu ser jikkontestaw l-elezzjoni:

Għeżież ħuti,

Issa li ħa jasal dan il-ftit dlam tal-politika fuq Malta kulħadd għandu jiftaħ moħħu u qalbu u nintrabtu mar-rieda t'Alla, am L-Ispirtu s-Santu u jkollna mħabba kbira lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija. Jiena ngħidilkom li min-naħa tas-sema, il-gvern li għandu jmexxi lil Malta diġa' huwa magħżul.

Għeżież ħuti dan iż-żmien għandna ngħadduh fit-talb, bil-qjies, bl-imħabba lejn xulxin u mhux b'dak il-kliem ħażin u bil-mibegħda.

Bħalma għidtilkom qabel l-elezzjonijiet li għaddew nerġa' ngħidilkom, li ma għandux ikun hawn tixrid ta' demm. Aħjar tisparaw fuq xi nkwadru ta' xi ħadd, allavolja dan xorta m'għandux ikun, milli Alla jħares qatt toqtlu xi bniedem, għaliex ikun dnub mejjet doppju.

Jiena nixtieq illi jew magħna jew waħedkom, titlgħu il-Girgenti tagħmlulha żjara lil għażiża Ommna Marija biex mis-sema tberikna u taqlagħlna l-grazzji li għandna bżonn, tagħmilna lkoll kuntenti u j'Alla tagħmilna lkoll fil-grazzja t'Alla u ta' binha Ġesù.

Jiena ma rrid nibża' minn ħadd. Lill-Mulej irrid infaħħru, inqaddsu u mbierku flimkien ma l-Imħallef divin, Ġesù ta' l-Ewkaristija, li lkoll irridu ngħaddu minn taħt il-ġudizzju Tiegħu wara mewtna. Għidu li tridu għal Ġuża, jiena x-xejn aħjar minni imma la s-Sinjura tal-Ħajja u l-Mulej Ġesù jgħinuni ħafna, ħadd ma jista' jagħmilli xejn. Ruħi ħadd ma jista' jagħmlilha xejn.

Jiena ngħinkom bit-talb fid-diffikultajiet tagħkom. Kemm l-Arċisqof, kemm in-naħa tal-Gvern u kemm l-Oppożizzjoni, aħna lkoll aħwa għax il-Mulej Ġesù ċarċar demmu għalina lkoll.

Ġesù ta' l-Ewkaristija jagħdirna, jaħfrilna, mit-tabernakli jberikna u mis-sema jqaddisna. Ikun imfaħħar Ġesù Kristu. Madonna tal-konsagrazzjoni mexxina lejn is-salvazzjoni. ĠUŻA MIFSUD."

Imbagħad inqara messaġġ ieħor li Ġuża kient hejjiet għal dakinhar u li ser jinġiebu siltiet minnu.

"Jiena qed nitlob għall-politikanti kollha, ta' kull naħa. hemm minnhom li huma bravi u minn Ġesù naf li hemm oħrjan li ma humiex bravi, hsiebhom biex joqogħdu jitgħajru u jgħajru lil ħaddieħor. Dan m'għandux ikun... Għandna lkoll nirreferu għall-paċi u intom il-politikanti, kemm tal-Gvern u kemm ta' l-Oppożizzjoni, għandkom tkunu aktar qalb waħda u tirreferu għall-imħabba milli b'ħafna mibegħda u għawi.

Hawn hafna ġnus li jippretendu li huma qawwijin ħafna, li huma bravi ħafna bl-iskola u bix-xjenza. Ngħidilkom iżda li qiegħed ikun bravu u bix-xjenza l-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija illi jħares lejn kulħadd bl-imħabba u l-paċi. Nieħdu l-Iżrael u l-Palestinjani. Ilhom mat-tlieta jew erba' snin jsemmu l-paċi. Fejn hi l-paċi? Għad għandhom ħafna tħarbit u ġlied u joqtlu n-nies ta' wieħed u ta' l-ieħor. Insemmi l-Iraq, it-Turkija, l-Irlanda u l-Ingilterra, fejn qegħda l-paċi f'dawn il-pajjiżi? Jsemmu l-paċi, imbagħad jagħmlu tant affarijiet vjolenti, jimmassakraw in-nies, joqtlu n-nies. L-aqwa paċi hija dik li jirreferu għaliha flimkien miegħi il-Papa u l-Isqof, il-paċi tal-Mulej."

# GRAZZJI MAQLUGĦA

Dawn il-grazzji li qegħdin nippublikaw sibnieħom mal-ittri li ntbagħtu lill-Ġuża Mifsud fil-passat. Forsi għad insibu oħrajn. hemm rapporti ta' grazzji maqlugħa f'dawn l-aħħar snin u li ġew rappurtati lilna. Dawn ta' l-aħħar jiġu ppubblikati aktar 'il quddiem.

1. **Carmel Saliba, minn Żebbuġ, Għawdex kiteb lill-Ġuża: 5/11/89:**

Nixtieq nirringrazzja lil Alla li fejjaq lil ibni ta' sitt snin minn deni qawwi ħafna (mingħajr ebda mediċina). Meta d-deni kien għoli ħafna, konn naghtuh jixrob mill-ilma tal-Girgenti u fi ftit minuti, id-deni kien jinżel. Nirringrazzja lil Madonna talli daħlet għal ibni quddiem Alla, wara li tlabna b'ħeġġa kbira.

Nirringrazzja wkoll lilek, Ġuża, li għoġbok titlob lill-Madonna biex qlajna din il-grazzja kbira. Nirringrazzjak ukoll talli meta kellimtna fuq it-telefon qawwejtilna qalbna biex nafdaw fil-Madonna.

2. **Mrs. Anna Demarco, minn Ħal Luqa, kitbet bl-Ingliż, 2/12/87:**

Dear Ġuża, I am writing to let you know that my son, Moses, has hadd the operation done. It was successful thanks to your prayers and the doctors. In fact, it usually takes a week to heal completely and he managed to heal completely in three days. After the operation, to my amazement, the little one was smiling at me while he was on the stretcher; and when the nurse put him in his cot, he was standing up in a few seconds and was jumping up and down and dancing to his music box. He was dismissed from hospital on the same day.



3. **Helen and Carmel Attard kitbu lil Ġuża fl-10 ta' April 1986:**

Jiena Helen Attard (minn B'Kara_ kelli t-tifel ibati bi breakdown f'St. Luke's Hospital. Kien hemm nurse li saqsietni min għandi marid u meta għidtilha li kelli t-tifel bi breakdown fetħet il-kexxun u tatni santa tal-Madonna tal-konsagrazzjoni li jiena ma kontx naf biha. Qaltli biex immu għand Ġuża Mifsud li għandha l-Madonna tal-konsagrazzjoni.

Ġuża Mifsud qaltli: "Għażiża oħti, dan it-tifel tiegħek m'hu ser ikollu xejn, għaliex jiena sejra nikkuntattjah mal-Madonna. Sejra nitlob għalih ħafna u l-Madonna, jekk Alla jrid, dalwaqt tfittex tibgħatulek id-dar. Huwa jerġa' jaqbad ir-rutina li kellu qabel tax-xogħol."

Jiena ma nixba' qatt infaħħar lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzja li qalgħetli fuq ibni...

4. **Marie Anne minn Ħaż Żabbar kiebet ittra twila lil Ġuża f'Settembru 1993:**

Għażiża oħrti fi Kristu, Ġuża. għadni kif qrajt il-fuljett "Leħen il-Girgenti" u ħassejt li għandi naqsam miegħek il-grazzji kbar, jew aħjar, il-mirakli li għamle tmiegħi il-Madonna. Ġejt flimkien mar-raġel tiegħi (u din kienet diġà grazzja) għal-laqgħa il-Girgenti għall-bidu tas-sajf. F'dik il-laqgha inti għidt li ser jinqalgħu ħafna grazzji, ma' dawk preżenti; u hekk sar miegħi, għax ir-raġel tiegħi resaq lejn is-sagrament tal-qrar u tqarbin u resaq lejn il-laqgħat li mmur jien biex nirringrazzja lill-Madonna u nfaħħru 'l Alla...

NOTA: Fil-kumplament ta' l-ittra Marie Anne tispjega lil Ġuża kif il-Madonna ħelset lil Robert, it-tifel tagħha, meta kien żgħir, mid-deni li kellu u min żewġ aċċessjonijiet li bħalhom ma tawhx aktar 'l quddiem. Meta t-tifel kien ikun ma jiflaħx, hu stess jitlobha ttieh mill-ilma tal-Madonna biex ma jitlaghlux id-deni; u hekk kien ikun. Tispiċċa l-ittra billi tgħid:

"Ikun imfaħħar l-isem t'Alla u tal-Madonna għal dejjem"

5. **Fost l-affarijiet l-oħra ta' Ġuża** kien hemm inkwadru żgħir b'ritratt ta' baby u munita Maltija ta' 10ċ imwaħħla mal-ħġieġa tal-inkwadru u ċertifikat tal-isptar li jgħid kif it-tifel iddaħħal l-isptar ĠIMGĦA wara li kien bela' "ten cents". L-X-Ray wera li l-munita kienet fl-istonku. Clifton, it-tifel, kien ġie misqi ilma tal-Girgenti. L-għada X-RAY ieħor wera li l-munita ma kienetx hemm.


ST LU.·E'S HOSPITAL
G'MANGIA
MALTA

Tel: 241251/247860/234101

Date: 22/10/93

CASE SUMMARY

Dear Doctor

This is a brief summary for your information:

SURNAME: Gerome | NAME: Glyfron | D.O.B. 1 3 0 7 9 1

SEX: ☑ Male ☐ Female | I.D. (or other hospital) NO: A 1 1 3 7 0 1

ADDRESS: 'St Joseph', Triq n-Seikin | LOCALITY: Marsa

CONSULTANT: Mr. Formosa | MED. REGISTER NO: 0 7 8 9 | WARD: F/L

DATE ADMITTED: 1 9 1 0 9 3 | DATE DISCHARGED: 2 1 1 0 9 3

CLINICAL DETAILS (including investigations and treatment)

Pt was admitted 1 week after swallowing a [coi]n. An Abdominal X-ray showed coin to be in [sto]mach. Pt was asymptomatic. An abdominal [x-]ray taken next day showed no foreign body [&] was discharged

DIAGNOSIS:
(1) swallowing of coin (3)
(2) (4)